MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2012

Numru 468/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**v.**

**Anthony Richard Mario Cauchi**

**Il-Qorti**:

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Anthony Richard Mario Cauchi, imwieled fis-16 ta' Settembru 1973 u residenti fil-fond Patrick Court, Blk B, Flat 5, Triq Dun F Mizzi, Ghajnsielem, Ghawdex u detentur tal-karta ta' l-identita` numru 39702(L) li gie akkuzat talli fix-xahar ta' Gunju 2011 f'dawn il-gzejjer:

1. meta hekk kien ordnat mill-Qorti tal-Magistrati, Ghawdex Sezzjoni tal-Familja, nhar it-23.03.2011 jew hekk kif marbut b'kuntratt, naqas li jaghti lil martu dik is-somma ta' €325 iffissata minn dik il-Qorti jew minn dak il-kuntratt, bhala manteniment ghaliha jew

ghal uliedhom fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih skont dik l-ordni kellu jhallas dik is-somma;

2. kif ukoll insab recediv b'sentenza datata 20.07.2010 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Ghawdex preseduta mill-Magistrat Dr E Grima LL.D. liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mhassra.

**2.** Rat is-sentenza ta' l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tal-1 ta' Novembru, 2011 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imputat Anthony Richard Mario Cauchi hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkundannatu gimghatejn detenzjoni.

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imputat Anthony Richard Mario Cauchi minnu prezentat fl-10 ta' Novembru 2011, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti joghgobha tvarja s-sentenza lilu moghtija u filwaqt li tikkonferma l-htija tal-imputat tbiddel is-sentenza ta' detenzjoni u dana stante ic-cirkostanzi specifici tal-kaz in ezami.

**4.** Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

**5.** Il-fatti fil-qosor huma li gejjin.

Illi kif ammess mill-appellant fir-rikors tieghu tal-appell jirrizulta kjarament li l-appellant naqas ghal perjodu konsiderevoli ta' zmien milli jhallas il-manteniment dovut lil martu u uliedu skont sentenza tal-Qorti tal-Familja tat-23 ta' Marzu 2011. Matul il-kors tal-proceduri fl-appell, izda, l-appellant hallas l-arretrati tal-manteniment dovut u beda u ssokkta fil-pagament regolari tar-rati ta' manteniment dovuti.

**6.** L-aggravju tal-appellant hu unikament dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

**7.** Din il-Qorti thares b'mod mill-aktar sever lejn in nuqqas da parti ta' konjugi li jhallas il-manteniment ordnat mill-Qorti jew mifthiem b'kuntratt lill-konjugi l-iehor u lill-ulied u ma hix bi hsiebha turi klemenza ma' min, tkun xi

tkun ir-raguni, jippersisti filli jonqos mill-obbligi legali u morali tieghu f'dan ir-rigward. Il-Qorti ma hix bi hsiebha tezita li tinfliggi piena restrittiva tal-liberta' fejn ikun hekk indikat u huwa unikament il-pagament tal-manteniment dovut li jista' jipperswadi lill-Qorti zzomm lura minn piena bhal dik. Fil-kaz odjern l-appellant mhux biss hallas l-arretrati kollha tal-mantenimet dovut izda din il-Qorti ttratteniet milli taghti s-sentenza taghha sabiex tkun tista' tivvaluta kemm hi serja d-determinazzjoni tal-appellant li jkompli jonora l-obbligi tieghu lejn martu u uliedu. Jidher li wara s-sentenza tal-ewwel Qorti l-appellant irnexxielu jsib impieg regolari u qieghed issa jhallas il-manteniment regolarment lil martu u issa ilu jaghmel hekk minn Novembru 2011. Fic-cirkostanzi kif zviluppaw, ghalhekk, din il-Qorti thossha gustifikata li taghti l-beneficcju tad-dubbju lill-appellant u taghtih affidament li jkompli fit-triq li qabad billi jkompli jhallas dak dovut lil martu u uliedu anki ghaliex ma tridx tipperikolalu l-impieg gdid li qabad b'piena restrittiva tal-liberta' u dan bi pregudizzju ghall-pagament tal-manteniment dovut minnu. Dan ser isir bi preavviz car li jekk l-appellant jerga jibda jonqos milli jhallas il-manteniment dovut minnu ma jergax isib lil din il-Qorti disposta li zzomm lura milli tikkundannah ghal piena restrittiva tal-liberta' tieghu.

Ghall-motivi premessi tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha biss fejn kkundannatu ghall-piena ta' gimghatejn detenzjoni u minflok tikkundannah ghall-piena ta' ammenda ta' tmienja u hamsin ewro (€58) u tikkonfermha fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------